**QORTI TAL-APPELL**
**(Sede Inferjuri)**
**Għawdex**

**Onorevoli Imħallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A. Mag. Jur. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Appell numru: 3/2022**
**Wara sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) rikors numru 33/2019 BS datata l-1 ta' April, 2022**

**Id-Direttur Ġenerali, Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)**

**vs.**

**L-Avukat Larry Formosa għan-nom u in rappreżentanza tal-imsiefrin Paul Camilleri, Lawrence Camilleri u Deborah Brookes**

**Illum 12 ta' Ottubru, 2022**

**Il-Qorti;**

1. Illi dan huwa appell intavolat mill-Avukat Larry Formosa noe għad-deċizjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) datata l-1 ta' April, 2012 fejn ġie deċiż kif isegwi:

'Ferm il-premess, il-Qorti tqis illi l-intimati rikorrenti ma rnexxilhomx isostnu l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2156 (ġ) tal-Kap. 16.

**Decide**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha hawn fuq premessi, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tiċħad it-talba kif dedotta.

Tordna lill-intimati rikorrenti jħallsu l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri.'

2. Illi d-deċiżjoni appellata taqra kif isegwi:

**'Rat ir-rikors tal-Avukat Dottor Larry Formosa għan-nom u in rappreżentanza tal-imsiefrin Paul Camilleri, Lawrence Camilleri u Deborah Brookes illi ppremetta:**

Illi fil-31 ta' Jannar 2019 l-esponenti ġie notifikat bl-Ittra ref: 33/2019 fuq premess intavolat ai termini tal-Art. 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta mid-Direttur Ġenerali, Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex).

Illi a kuntrarju ta' dak iddikjarat mid-Direttur Ġenerali, il-bilanċ indikat fl-ittra mhux dovut stante li kwalunkwe drittijiet tar-reġistru llum il-ġurnata huma preskritti.

Għaldaqstant u in vista tal-premess l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobHa tiddikjara t-talba tad-Direttur Ġenerali kontenuta fl-Ittra numru 33/2019 suindikata bħala infondata.

**Preliminari**

Semgħet ix-xhieda u rat l-atti tal-kawża.

Rat illi fis-seduta tal-11 ta' Frar 2022 l-intimati rikorrenti ddikjaraw illi l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni hija msejjsa fuq l-Artikolu 2156(ġ) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semgħet it-trattazzjoni finali.

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum.

**Ikkunsidrat**

B'ittra uffiċjali numru 33/19, datata 23 ta' Jannar 2019, ai termini tal-Artikolu 466 tal-Kap 12, id-Direttur Ġenerali, Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex) interpella lir-

rikorrenti intimati lkoll aħwa Camilleri, sabiex iħallsu s-somma ta' €390.16 rappreżentanti bilanċ dovut bħala dritt tar-reġistru in konnessjoni mal-kawża bin-numru 78/1985 PC fl-ismijiet "**Martin Camilleri noe vs Emanuel Camilleri et**", liema kawża ġiet dikjarata deżerta fl-20 ta' Jannar 2014. Ma tirriżultax il-prova tan-notifika tal-imsemmija ittra.

L-intimati rikorrenti u aħwa Camilleri jikkontendu illi l-ammont pretiż u mitlub mhuwiex dovut għaliex it-talba hija ormai preskritta.

Matul l-udjenza tal-11 ta' Frar 2022 l-intimati rikorrenti ddikjaraw illi l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni hija bbażata fuq l-Artikolu 2156(ġ) tal-Kap 16. Id-disposizzjoni taqra hekk:

*L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' ħames snin:*

...

*(g) salv kif provdut f'xi liġi speċjali, l-azzjonijiet tal-Gvern ta' Malta, għall-ħlas ta' drittijiet ġudizzjarji, dazji jew taxxi oħra*

L-awturi **<u>Baudry-Lacantinerie u Tissier</u>** jgħallmu illi:

"*Quanto alla prescrizione estintiva, il suo corso comincia in principio a partire dal giorno in cui e' nato il diritto o l'azione che e' destinata ad estinguere …* (Trattato Teorico-Pratico di Diritto Civile : Della Prescrizione : Cap XII. Par 364 pag 279).

U aktar illi:

"*La prescrizione estintiva in materia di diritti eventuali non decorre evidentemente se non dopo il verificarsi dell'evento che fa nascere il diritto rimasto fin allora puramente eventuale*".

Il-Qorti sejra tagħmel referenza għad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell (Inferjuri) mogħtija fit-12 ta' Jannar 2005 fl-ismijiet **Ignatius Busuttil vs Water Services Corporation** fejn ingħad hekk:

*Hu stabbilit fil-gurisprudenza illi min iqajjem l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni jehtieglu jipprova l-perkors taz-zmien statutorju li jiddefinixxi liema terminu preskrittiv kien japplika ghall-fatti in kawza. (Ara "**Jeremy Holland nomine -vs- Joseph Chetcuti**", Appell, 25 ta' Frar, 2000.) Fatti li jridu jirrizultaw mill-atti u mhux minn dawk li kellhom jew setghu ngiebu u baqghu ma tressqux;*

L-Artikolu 2156 irid jinqara u jiġi mħaddem flimkien mal-Artikolu 2137 u 2160 tal-Kap 16.

L-Artikolu 2137 jaqra hekk:

*L-azzjoni għall-ħlas tal-ħsarat mhux ikkaġunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' sentejn.*

Kwantu għall-Artikolu 2160 dan jaqra hekk:

*(1) Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157, m'ghandhomx effett jekk il-partijiet li jeccepuhom, ma jaghtux gurament minn jeddhom waqt il-kawza li mhumiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-haga gietx imhallsa.*

*(2) Jekk il-gurament jinghata mill-werrieta tal-persuna li taghha l-attur jippretendi li kien kreditur, jew minn ohrajn li l-jeddijiet taghhom gejjin minghand dik il-persuna, il-preskrizzjonijiet fuq imsemmija ma jkollhomx effett jekk huma ma jistqarrux li ma jafux li l-haga ghandha tinghata.*

*(3) Fil-proceduri ghall-gbir ta' debiti li ghalihom hemm referenza fil-proviso ghall-artikolu 2156, meta parti taghti gurament li hija mhijiex debitur, din trid taghti ragunijiet ghaliex qed tqis lilha nnifisha li mhijiex debitur.*

Fid-dawl ta' dak premess fl-Artikolu 2160 għar-rigward tal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni fit-termini tal-Artikolu 2156, il-Qorti jeħtieġ illi tqis żewġ elementi:

i. minn mindu għandu jingħad illi bdiet tiddekorri l-preskrizzjoni;
ii. il-ġurament tad-debitur fit-termini tal-Artikolu 2160.

Kif diġa ingħad aktar 'il fuq, fit-termini tal-Artikolu 2137, il-preskrizzjoni tiddekorri mill-mument li fih l-azzjoni tista' tiġi eżerċitata. Abbażi ta' dan il-prinċipju, jmiss issa illi l-Qorti tgħaddi sabiex tiddetermina minn mindu beda jiddekori l-perijodu ta' preskrizzjoni fil-każ li għandha quddiemha llum.

Mill-provi jirriżulta illi n-nannu patern tal-intimati rikorrenti ġie nieqes fis-sena 1982. Mix-xhieda ta' Paul Camilleri jidher illi f'xi żmien wara l-mewt tan-nannu patern, missier l-intimati rikorrenti fetaħ proċeduri legali għar-rigward ta' xi proprjeta'. Tajjeb jingħad illi fl-atti ma hemm ebda informazzjoni dwar dawk il-proċeduri. Jidher pero' illi r-referenza hija għall-proċeduri bin-numru 78/1985 fl-ismijiet **Martin Camilleri noe vs Emanuel Camilleri et**.

Mix-xhieda ta' Paul Camilleri jirriżulta li hu u ħutu jinsabu jirrisjedu fl-esteru u ma kinux involuti fil-proċeduri li kien beda missierhom. Madankollu, f'xi żmien huma kienu ġew avviċinati minn xi kuġin tagħhom li xtaq isegwi dawk il-proċeduri. Da parti tagħhom l-intimati rikorrenti akkonsentew u taw prokura legali lill-Avukat Dottor Larry Formosa sabiex jirrappreżentahom f'dawk il-proċeduri.

Il-proċeduri bin-numru 78/1985 fl-ismijiet **Martin Camilleri noe vs Emanuel Camilleri et** jirriżulta illi ġew dikjarati deżerti b'digriet tal-20 ta' Jannar 2014.

L-intimati rikorrenti Paul Camilleri u Deborah Brookes xehdu illi huma qatt ma kienu nvoluti f'dawk il-proċeduri u lanqas ma kienu jafu li dawn ġew deżerti.

Eżaminati l-atti, l-Qorti tqis illi fil-każ ta' llum il-preskrizzjoni bdiet tiddekorri mill-mument mindu l-kawża ġiet dikjarata deżerta għaliex huwa minn dak il-mument illi r-Reġistru seta' jagħmel il-kalkoli tiegħu u konsegwentement javvanza t-talba tiegħu għall-ħlas tad-drittijiet spettanti lilu.

Il-Qorti tqis illi għalkemm il-kawża bin-numru 78/1985 fl-ismijiet **Martin Camilleri noe vs Emanuel Camilleri et** ġiet dikjarata deżerta b'digriet tal-20 ta' Jannar 2014, id-Direttur Ġenerali, Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex) baqa' passiv għal tul ta' snin. Fil-fatt, l-ewwel u l-uniċi passi li l-imsemmi Direttur ħa in tutela tad-drittijiet minnu vantanti kienu biss permezz tal-ittra uffiċjali numru 33/19 datata 23 ta' Jannar 2019. Ma jirriżultax illi f'xi żmien qabel din l-ittra uffiċjali d-Direttur imsemmi ressaq fil-konfront tal-intimati rikorrenti xi att ġudizzjarju permezz ta' liema nterrompa l-preskrizzjoni.

Għal dak illi jirrigwarda l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni, l-Artikolu 2128 jipprovdi illi:

*Il-preskrizzjoni tinkiser ukoll b'kull att ġudizzjarju ppreżentat fl-isem tas-sid jew tal-kreditur, innotifikat lill-parti li kontra tagħha wieħed irid li ma jħallix timxi l-preskrizzjoni, u li minnu jkun jidher biċ-ċar illi s-sid jew il-kreditur bi ħsiebhom iżommu l-jedd tagħhom.*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Dennis Tanti vs Dr Ray Busuttil noe** deċiża fil-25 ta' Settembru 2003 mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla ingħad illi:

*Illi l-Qorti lanqas ma tista' taqbel mal-attur li ż-żmien tal-preskrizzjoni beda għaddej minn Lulju tal-1999, jiġifieri minn dak inhar li xi ħadd li xtaq jibqa' mistur tarraflu b'dak li kien hemm miktub dwaru fil-GP47 mehmużin mal-aplikazzjonijiet tiegħu għall-ħatriet disponibbli. Ingħad għadd ta' drabi mill-Qrati tagħna li mhux kull xkiel jagħti lok għall-applikazzjoni tal-massima contra non valentem agere non currit prescriptio. Biex din ir-regola sseħħ, jeħtieġ jintwera (naturalment, minn min jallega li ma setax jaġixxi qabel) li l-impossibilita' li wieħed jaġixxi trid tkun waħda indipendenti mir-rieda tiegħu, dovuta għal kawża 'l barra minnu liema kawża ma setax iwarrab*[1] *. Fil-każ preżenti, l-għamil li l-attur jgħid li l-imħarrkin iridu jwieġbu għalih seħħ żgur qabel ma l-applikazzjonijiet tiegħu bdew jitqiesu mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. Jekk għandu raġun f'dak li qiegħed jallega - jiġifieri li kien minħabba dak l-għamil li huwa ma ntgħażilx għall-ħatriet li applika għalihom - iż-żmien li fih kellu jressaq l-azzjoni tiegħu beda jgħaddi minn dak inhar. Il-Qorti, f'dan l-aspett, issib li jkollha taqbel mas-sottomissjoni tal-imħarrkin li l-attur, fil-proċeduri li kien diġa' beda wara li ħareġ ir-riżultat, kellu għad-dispożizzjoni tiegħu l-possibilita' u l-mezzi li jintebah b'dak l-għamil fi żmien utli. Ir-raġuni miġjuba minnu (imma bl-ebda mod ippruvata) hija dgħajfa wisq biex tintlaqa';*

*Illi minn dan kollu joħroġ li fil-fatt l-attur naqas li jressaq il-kawża tiegħu fiż-żmien li kienet tagħtih il-liġi. Bl-ebda mod ma jista' jingħad li ż-żmien preskrittiv ġie interrott bl-għoti tal-*

[1] Ara , per eżempju App. Kumm.. 15.2.1965 fil-kawża fl-ismijiet Attard noe vs Fenech (Kollez. Vol: XLIX.i.500) u App. Inf. 12.5.2003 fil-kawża Mario Testa vs Alfred Theuma et

*ħatra lill-attur matul iż-żmien li kienet għaddejja l-kawża u dan għaliex il-ħatra ma ngħatatx lilu mill-imħarrkin. Jekk xejn, l-effett tal-għoti tal-ħatra lill-attur b'effett li jmur lura għaż-żmien meta kien oriġinarjament ikun eliġibbli għaliha, u l-aċċettazzjoni tiegħu ta' tali ħatra b'dik il-kundizzjoni, jista' jkollhom effett fuq l-interess ġuridiku tal-attur li jissokta bil-kawża preżenti. Imma din il-kwestjoni ma tagħmilx parti mill-istħarriġ li din il-Qorti ntalbet tagħmel f'din is-sentenza;*

*Illi mhux kontestat lanqas li, qabel ma beda l-kawża preżenti, l-attur ma jidher li interpella bl-ebda mod lill-intimati b'xi att ġudizzjarju li seta' jinterrompi l-preskrizzjoni;*

Għal dak illi jikkonċerna d-dekorriment tal-perijodu preskrittiv, fil-każ in diżamina dan il-perijodu beda jiddekorri mill-mument minn mindu l-kawża bin-numru 78/1985 ġiet dikjarata deżerta u cioe mill-20 ta' Jannar 2014. Huwa minn dan il-mument 'il quddiem illi twieled id-dritt tad-Direttur Ġenerali, Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex) illi javvanza l-pretensjoni tiegħu fil-konfront tal-intimati rikorrenti.

Tant dwar il-perijodu minn mindu bdiet tiddekorri l-preskrizzjoni.

Stabbilit il-perijodu minn minnu bdiet tiddekorri l-preskrizzjoni kwinkwennali, imiss issa illi l-Qorti tagħmel l-evalwazzjoni tagħha fir-rigward tat-tieni element tal-azzjoni u cioe dak dwar il-ġurament tad-debitur fit-termini tal-Artikolu 2160 tal-Kap 16.

In segwitu għall-emendi illi ġew introdotti fil-Kodiċi Ċivili permezz tal-Att numru 1 tas-sena 2017 li daħal fis-seħħ b'effett mit-13 ta' Jannar 2017, jeħtieġ illi meta tiġi eċċepita l-preskrizzjoni a tenur tal-Artikolu 2156, il-Qorti tqis din l-eċċezzjoni fid-dawl tal-elementi ravviżati fl-Artikolu 2160(1) tal-Kap 16 liema artikolu ġie ċitat aktar 'il fuq.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Bottega Del Marmista Ltd vs Paul Mifsud et** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fis-26 ta' Jannar 2018 ingħad dan illi ġej:

*'… Imbaghad fis-seduta tal-25 ta' Jannar, 2017 il-konvenuti xehedu li m'ghandhomx jaghtu lis-socjeta attrici (fol. 38 u 39). Pero' dan ma kienx kaz fejn il-konvenuti nghataw il-gurament decizorju izda fejn huma xehdu minn jeddhom. Ghalhekk ma jistghux jigu applikati l-principji tal-gurament decizorju. Il-Qorti zzid li bl-Att 1 tal-2017, li dahal fis-sehh fit-13 ta' Jannar, 2017, saret emenda kardinali fl-Artikolu 2160 tal-Kodici Civili. Qabel dakinhar id-disposizzjoni kienet tikkontempla l-possibilta lill-attur li jaghti l-gurament decizorju lill-konvenut:*

*'Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157 m'ghandhomx effett jekk il-partijiet li jeccepuhom, meta jinghata lilhom il-gurament, ma jistqarrux li mhumiex debituri, jew li ma jiftakarx jekk il-haga gietx imhallsa'.*

*Bl-emenda li saret bl-Att 1 tal-2017 il-legislatur impona fuq il-konvenut l-obbligu li jiehu l-gurament u fin-nuqqas il-konvenut ma jkunx jista' jiehu beneficcju mill-preskrizzjonijiet*

*qosra. Ovvjament, l-konsegwenzi legali li zviluppaw mill-gurisprudenza dwar il-gurament decizorju li ssemmew mill-ewwel qorti f'pagni 19 u 20 tas-sentenza, kienu japplikaw f'xenarju partikolari cjoe' meta l-attur jaghti l-gurament lill-konvenut. Fil-kaz in ezami l-konvenuti xehdu minn jeddhom. 'Il fatt li hi l-ligi li timponi fuq il-konvenut li jixhed biex ikun jista' jinvoka l-preskrizzjonijiet qosra, ma jbiddel xejn. Ghaldaqstant, illum irrispettivament x'jixhed il-konvenut minn jeddu meta jiehu l-gurament kontemplat fl-artikolu 2160 tal-Kodici Civili, l-attur ghandu kull dritt li jaghti prova li kien hemm interruzzjoni jew rinunzja ghall-preskrizzjoni. Din kienet wara kollox ukoll il-posizzjoni qabel l-emenda tal-artikolu 2160 tal-Kodici Civili meta l-konvenut kien jaghzel li jixhed minn jeddu.'*

*Qabel l-introduzzjoni tal-emendi l-posizzjoni kienet differenti fejn '… Jekk l-attur jaghzel il-mezz tal-gurament, u l-konvenut ikun halef skont il-ligi, l-attur ma jkunx jista jaghzel mezz iehor, billi meta l-kreditur jitlob li jinghata lid-debitur il-gurament, dan ifisser li hu qieghed jirritjieni bhala ammissibli l-preskrizzjoni eccepita u li ma kienx hemm sospensjoni jew interruzzjoni taghha, u li jrid jipprova l-mezz estrem tad-dilazzjoni tal-gurament. B'dan il-mezz huwa jkun qieghed jirrimetti ruhu fil-kuxjenza tad-debitur.'*[2]

Minn dan isegwi illi l-emendi riċenti fil-liġi biddlu radikalment il-pożizzjoni tad-debitur. Ai termini tal-Artikolu 2160 kif emendat, jinkombi fuq id-debitur li minn rajh u bil-ġurament tiegħu waqt il-kawża jikkonferma illi mhuwiex debitur.

Fis-sentenza tagħha tas-16 ta' Frar 2018 fl-ismijiet **P&S (C4860) et vs Noel Zammit et**, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili daħlet funditus fil-kwistjoni tal-effetti provokati mill-emendi għall-Artikolu 2160. Il-Qorti għamlet is-segwenti osservazzjonijiet:

*'…Li forsi ma fehemx il-Konvenut hu, li l-eccezzjoni taht artiklu 2156(f) u (d) tal-Kodici Civili ma tirnexxix ghas-semplici raguni li jkunu ghaddew hames snin. It-terminu imsemmi fir-rigward tal-artikoli 2156(d)u (f) tal-Kodici Civili huwa biss wiehed u mhux l-uniku ingredjent biex tirnexxi din id-difiza. Dak li jiddisponi dan l-artiklu jrid ikun abbinat mal-ingredjent l-iehor kumulattiv ta' natura procedurali, li jikkommina l-artiklu 2160 (1) tal-Kodici Civili.*

*20. Dan l-artiklu jistabilixxi, li min irid jipprevalixxi ruhu mill-beneficcju ta' preskrizzjoni partikulari ossia brevi, ghandu (i) jixhed minn jeddu u (2) jaghti l-gurament waqt il-Kawza li ma hux debitur. L-anqas ma jista' jghid li ma jiftakarx li l-haga giet imhallsa, ghaliex dan ix-xorta ta' gurament huwa riservat ghall-eredi tad-debitur tant li fit-test tal-ligi il-kliem uzat huwa "ma jiftakrux" (ara Decizjoni fl-ismijiet Vincenzo Cauchi -vs- Giovanni Scerri tal-Qorti tal-Kummerc, 28 ta' Ottubru 1955).*

*21. Minkejja t-tibdil fil-ligi kif fuq inghad, dawn iz-zewg formuli ta' gurament xorta baqghu sagramentali, u kull devjazzjoni minnhom ma tiswiex ai fini ta' dawn ix-xorta ta' eccezzjonijiet. Li tghid li d-dejn huwa preskritt, minghajr ma tuza t-test li trid il-ligi, ma jiswiex biex tirnexxi din ix-xorta ta' eccezzjoni. Ma hux kompitu tal-Konvenut li jasal ghall-konkluzjonijiet legali. Il-kompitu tieghu hu li jimxi skont dak li jitlob l-artiklu imsemmi. …'*

---

[2] **Vincenza Vella vs Carmela armla Sciberras**, deċiża mill-Prim Awla, Qorti Ċivili fis-16 ta' Jannar 1963

Eżaminati l-atti u l-provi kollha mressqa, il-Qorti ma ssibx illi l-intimati rikorrenti seħħilhom jissodisfaw ir-rekwiżiti tassattivi u kumulattivi stabbiliti taħt l-Artikolu 2160. In effetti, għalkemm fil-kors ta' dawn il-proċeduri xehdu Paul Camilleri u Deborah Brookes, ħadd minnhom minn rajh u bil-ġurament tiegħu ma xehed illi l-intimati rikorrenti mhumiex debituri. Minn dak illi xehdu l-intimati rikorrenti huwa evidenti illi dawn qajla jafu xi proċeduri hemm pendenti quddiem il-Qrati Maltin u wisq inqas huma edotti mill-istadju ta' dawk il-proċeduri. Jirriżulta illi l-aħwa Camilleri jgħixu fl-esteru tant illi taw prokura legali lill-Avukat Dottor Larry Formosa sabiex jirrappreżentahom fil-proċeduri legali quddiem il-Qrati Maltin. Kien għalhekk jinkombi fuq l-Avukat Formosa, bħala mandatarju illi jieħu ħsieb iwassal l-informazzjoni lill-klijenti tiegħu. Jidher pero' illi dan ma sarx. Il-Qorti rat u qieset illi l-Avukat Dottor Larry Formosa ma xehedx fil-kors ta' dawn il-proċeduri u għalhekk mhux magħruf huwa kif aġixxa u x'informazzjoni wassal lill-klijenti tiegħu. Bħala fatt pero' jirriżulta illi huwa kien inkarigat bħala mandatarju u għalhekk kien jinkombi fuqu l-obbligu illi minn rajh u bil-ġurament jiddikjara li ebda ammont m'huwa dovut. Dan ma sarx tant illi filfatt l-Avukat Dottor Larry Formosa lanqas biss xehed fil-kors ta' dawn il-proċeduri. Kien jinkombi fuqu, qua mandatarju, illi jiġbor il-ħlasijiet kollha dovuti mill-klijenti tiegħu. Terġa u tgħid lanqas ir-rikors promotur ma huwa ġuramentat għar-raġuni illi l-Artikolu 466(2)tal-Kap 12 jitlob biss illi l-oppożizzjoni għat-talba għall-ħlas ta' kreditu tal-Gvern għandha ssir sempliċement b'rikors ad hoc. Jidher għalhekk illi l-intimati rikorrenti u l-mandatarju tagħhom ma fehmux illi sabiex jinvokaw b'suċċess il-preskrizzjoni qasira ravviżata taħt l-Artikolu 2156, riedu wkoll jissodisfaw il-vot tal-liġi kif preskritt taħt l-Artikolu 2160(1) tal-Kap 16.'

Illi kif gia suespost wara l-kunsiderazzjonijiet suesposti l-ewwel Qorti għaddiet sabiex tqis illi l-intimati rikorrenti ma rnexxilhomx isostnu l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2156 (ġ) tal-Kap 16 (Kodici Ċivili) u ċaħdet it-talbiet kif dedotti;

3. Illi l-avukat appellant Larry Formosa nomine ħassu aggravat b'din id-deċiżjoni u għalhekk intavola l-appell odjern bl-aggravju jkun prinċipalment wieħed u cioe' li l-ewwel Qorti għamlet apprezzament manifestament ħażin tal-fatti u tal-liġi u dan peress li jsostni li r-rekwiżiti taħt l-Artikolu 2160 ġew fil-fatt sodisfatti a kuntrarju tal-konklużjonijiet li waslet għalihom il-Qorti. Talab għalhekk li din il-Qorti jogħġobha tilqa' l-appell, tħassar is-sentenza tal-1 ta'April 2022 u

tilqa' t-talbiet tal-appellanti bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra d-Direttur appellat.

4. Illi l-appellati laqgħu għal dan l-aggravju billi sostnew li in vista tal-valur tal-mertu tal-każ u cioe' s-somma ta' €390.16, fit-termini tal-Artikolu 228 (2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta (Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili), is-sentenza tal-ewwel Qorti mhijiex legalment appellabbli. Fil-mertu jsostnu li l-ewwel Qorti kienet korretta fid-deċiżjoni tagħha. Għal dawn ir-raġunijiet l-appellati jinsistu li din il-Qorti għandha tiċħad l-appell odjern.

5. Semgħet it-trattazzjoni tal-appell tal-partijiet fis-seduta tat-13 ta' Lulju, 2022 u ddifferiet l-appell għad-deċizjoni għal-lum.

6. Rat l-atti kollha tal-ewwel istanza u tal-appell.

**Li s-sentenza ma setgħetx tiġi legalment appellata:**

7. Illi l-appellati jagħmlu referenza għall-artikolu 228 (2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta (Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili) u jsostnu li fit-termini tal-istess, in vista tal-valur minimu tal-mertu tal-każ, l-appell odjern ma setax isir stante li l-liġi specifikatament teskludi appell fuq il-fatti iżda tippermetti biss appell fuq punt ta' liġi.

Illi l-Qorti rat li l-appellant fl-appell odjern qed jikkontesta dik il-parti tad-deċizjoni tal-ewwel Qorti fejn din sostniet li l-appellanti ma ssodisfawx ir-rekwiżit tal-ġurament tad-debitur fit-termini tal-artikolu

2160 (1) tal-kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta (Kodiċi Ċivili) għar-raġuni li l-mandanti ma ħadux il-ġurament li mhumiex debituri filwaqt li l-mandatarju Dr. Larry Formosa ma xehedx fil-proċeduri u għalhekk ma ħax dan il-ġurament hu stess. Fin-nuqqas ta' ġurament tad-debituri, l–ewwel Qorti għalkemm qieset li t-terminu ta' ħames snin mhux interrotti kien iddekorra (artikolu 2156 (ġ) tal-Kap. 16 (Kodiċi Ċivili), stante li qieset li l-ġurament huwa tassattiv għaddiet sabiex tiċħad l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni fit-termini tal-istess artikolu msemmi.

Illi din il-Qorti tqis li sakemm l-aggavju tal-appellant huwa dwar ir-rekwiżiti tal-artikolu 2160 (1) tal-kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta (Kodiċi Ċivili) u jekk dawn ġewx sodisfatti l-Qorti, ċertament dan mhux aggravju dwar apprezzament ta' fatti iżda jekwivali għal punt ta' liġi. Jekk ir-rekwiżiti huma korretti u allura aplikabbli, jekk sodisfatti kellha tiġi milqugħa l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni jew le kellha tiġi miċħuda. Fi kwalunkwe każ anki f'każ li d-deċiżjoni tal-ewwel Qorti tirriżulta li kienet manisfestament żbaljata din il-Qorti wkoll għandha l-poter li tisma u tiddeċiedi dan l-appell.

In vista tal-kunsiderazzjonijiet seusposti l-Qorti tqis li din il-parti tar-risposta tal-appellati mhijiex ġustifikata u ser tgħaddi sabiex tiċħad l-istess.

**Aggravju:**

8. Illi fil-mertu tal-aggravju tal-appellanti l-Qorti rat li l-ewwel Qorti bbażat id-deċiżjoni tagħha prinċipalment fuq il-konlużjoni tagħha li

Paul Camilleri, Lawrence Camilleri u Deborah Brookes naqsu milli fl-atti, huma stess, jieħdu l-ġurament tad-debitur kif jirrikjedi l-artikolu 2160 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta (Kodiċi Ċivili) filwaqt li l-mandatarju tagħhom ma xehedx fil-proċeduri u għalhekk hu wkoll ma ħax dan il-ġurament. Konsegwenza ta' din il-konklużjoni, l-ewwel Qorti għaddiet sabiex tiċħad l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni mqajjma mill-lum appellanti.

Illi din il-Qorti fliet kelma b'kelma d-deċizjoni tal-ewwel Qorti u vverifikat li huwa minnu li l-ewwel Qorti mkien fl-atti ma għamlet referenza għall-affidavit ta' Paul Camilleri, Lawrence Camilleri u Deborah Brookes li jinsabu a fol. 12, 13 14 tal-proċess, prova tant kardinali f'dawn il-proċeduri li żgur wieħed ma jistax jissorvola billi sempliċement jiddikjara li ra l-atti kif qed jipruvaw isostnu l-appellati. F'dawn l-affidavits l-appellanti lkoll jiddikjaraw bil-ġurament kif isegwi:

'In this regard I state that I am not the debtor and I do not know that the amounts are due the reason being that we were never informed that the amounts were due and a lot of time has elapsed since the case was deserted.'

Evidentement fil-fehma ta' din il-Qorti dawn id-dikjarazzjonijiet jissodisfaw ir-rekwiżit tal-liġi fit-termini tal-artikolu 2160 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta (Kodiċi Ċivili) u jekk l-ewwel Qorti dehrilha li ma kinux, kellha almenu fid-deċiżjoni tagħha tagħti motivazzjoni għalfejn kienet qed tagħżel li tinjora dawn l-affidavits u tqishom bħala mhux sodisfaċenti. Fil-fatt il-Qorti rat li l-ewwel Qorti fid-deċiżjoni tagħha,

għalkemm għamlet referenza ampja għall-kontro-eżamijiet ta' tnejn mit-tlett appellanti, imkien ma għamlet referenza għall-affidavits u d-dikjarazzjonijiet tagħhom bil-ġurament kontenuti fl-istess. Tant hu hekk li l-ewwel Qorti lanqas rat li sar affidavit ukoll minn Lawrence Camilleri u li tiegħu ma sarx kontro-eżami. Dan jevidenzja lil din il-Qorti li dawn it-tlett affidavits għal xi raġuni sfuġġew għal kollox lill-ewwel Qorti.

Illi din il-Qorti rat mill-atti u fid-deċizjoni appellata li sakemm l-ewwel Qorti waslet għall-konklużjoni li sabiex tirnexxi l-preskrizzjoni fit-termini tal-Artikolu 2156 (ġ) tal-Kodiċi Ċivili kellhom jiġu sodisfatti żewġ rekwiżiti u cioe' l-perjodu ta' ħames (5) snin mhux interrotti u l-ġurament tad-debitur fit-termini tal-Artikolu 2160 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta (Kodiċi Ċivili), l-ewwel deċizjoni hija legalment korretta. Jirriżulta iżda li l-ewwel Qorti konsegwentement għaddiet sabiex tivverifika jekk dawn ir-rekwiżiti kinux sodisfatti fil-każ odjern u filwaqt li waslet għall-konklużjoni li t-terminu ta' ħames (5) snin ininterrott kif ġie sodisfatt, palasament naqset milli tieħu kont tal-ġurament tad-debituri Paul Camilleri, Lawrence Camilleri u Deborah Brookes a fol. 12, 13 u 14 tal-proċess. Mhux biss, jirriżulta li wara li qieset skorrettement li dan kien nieqes mill-atti kkonkludiet li lanqas il-mandatarju l-Avukat Larry Formosa ma ħa l-ġurament ta' debitur kif tirrikjedi l-liġi għan-nom tal-mandanti tiegħu, għaliex ma xehedx, u għalhekk ikkonkludiet li dan it-tieni rekwiżit ma kienx ġie sodisfatt.

Illi din il-Qorti tirrileva li dik il-parti tad-deċiżjoni tal-ewwel Qorti fejn waslet għall-konklużjoni li l-ħames snin mhux interotti kienu ddekorrew ma ġiet appellata mill-ebda parti u għalhekk illum dik hija *res judicata*

bejniethom. Illi iżda din il-Qorti, minn eżami tal-atti, ma tistax taqbel mal-konklużjoni tal-ewwel Qorti li d-debituri, f'dan il-każ l-appellanti, ma ssodisfawx ir-rekwiżit tal-ġurament tad-debitur għaliex fil-fatt dan jinsab fl-atti. Dwar dan il-punt id-deċizjoni tal-ewwel Qorti tippekka minn applikazzjoni ħażina tal-liġi għall-fatti tal-każ odjern u hija manifestament żbaljata u għalhekk l-aggravju tal-appellanti jistħoqq li jiġi milqugħ.

## Deċizjoni

**Għaldaqstant għar-raġunijiet kollha suesposti, il-Qorti tgħaddi sabiex taqta' u tiddeċiedi dan l-appell billi filwaqt li tiċħad ir-risposta tal-appellati, tilqa' l-aggravju u l-appell tal-appellant nomine u filwaqt li tikkonferma dik il-parti tad-deċiżjoni tal-ewwel Qorti fejn iddeċidiet li r-rekwiżit tat-trapass ta' ħames snin mhux interrott ġie sodisfatt, tirrevoka dik il-parti tad-deċizjoni tal-ewwel Qorti fejn ġie deċiż li l-appellanti ma rnexxielhomx jissodisfaw il-vot tal-liġi kif preskritt taħt l-Artikolu 2160 (1) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta (Kodiċi Ċivili) u tiddikjara li stante li l-appellanti rnexxielhom fil-fatt jissodisfaw il-vot tal-liġi fit-termini tal-artikolu 2160 (1) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta (Kodiċi Ċivili), tgħaddi sabiex tilqa' t-talba tal-appellanti u tiddikjara li l-pretensjoni tal-appellati Id-Direttur Ġenerali, Reġistratur, Qrati u Tibunali (Għawdex) hija preskritta fit-termini tal-artikolu 2156 (ġ) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.**

**Bl-ispejjeż kollha taż-żewġ istanzi kontra l-appellati.**

**(ft.) Onor. Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**Imħallef**

**(ft.) Mary Jane Attard**
**Deputat Reġistratur**

**Vera Kopja**

**Għar-Reġistratur**